

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 145/2012

tat-13 ta' Lulju 2012

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim taż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2011/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 71/317/KEE, 71/347/KEE, 71/349/KEE, 74/148/KEE, 75/33/KEE, 76/765/KEE, 76/766/KEE u 86/217/KEE dwar il-metroloġija ⁽¹⁾ tħassar, b'effett mill-1 ta' Lulju 2011 id-Direttiva tal-Kunsill 71/349/KEE ⁽²⁾, li hija inkorporata fil-Ftehim taż-ŻEE u li għandha konsegwentement tkun imħassra skont il-Ftehim taż-ŻEE.
- (2) Id-Direttiva 2011/17/UE tħassar, b'effett mill-1 ta' Diċembru 2015, id-Direttivi tal-Kunsill 71/317/KEE ⁽³⁾, 71/347/KEE ⁽⁴⁾, 74/148/KEE ⁽⁵⁾, 75/33/KEE ⁽⁶⁾, 76/765/KEE ⁽⁷⁾, 76/766/KEE ⁽⁸⁾ u 86/217/KEE ⁽⁹⁾, li huma inkorporati fil-Ftehim taż-ŻEE u li għandhom għalhekk jiġu mħassra skont il-Ftehim taż-ŻEE b'effett mill-1 ta' Diċembru 2015.
- (3) Għalhekk, l-Anness II ta' mal-Ftehim taż-ŻEE għandu jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu IX tal-Anness II ta' mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 7 (id-Direttiva tal-Kunsill 71/349/KEE) għandu jitħassar.
2. It-test tal-punti 2 (id-Direttiva tal-Kunsill 71/317/KEE), 5 (id-Direttiva tal-Kunsill 71/347/KEE), 10 (id-Direttiva tal-Kunsill 74/148/KEE), 11 (id-Direttiva tal-Kunsill 75/33/KEE), 17 (id-Direttiva tal-Kunsill 76/765/KEE), 18 (id-Direttiva tal-Kunsill 76/766/KEE) u 26 (id-Direttiva tal-Kunsill 86/217/KEE) għandu jiġi mħassar b'effett mill-1 ta' Diċembru 2015.

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2011/17/UE bl-ilsien Islandiż u b'dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Lulju 2012, dment li jkun saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ^(*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

⁽¹⁾ ĠU L 71, 18.3.2011, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 239, 25.10.1971, p. 15.⁽³⁾ ĠU L 202, 6.9.1971, p. 14.⁽⁴⁾ ĠU L 239, 25.10.1971, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 84, 28.3.1974, p. 3.⁽⁶⁾ ĠU L 14, 20.1.1975, p. 1.⁽⁷⁾ ĠU L 262, 27.9.1976, p. 143.⁽⁸⁾ ĠU L 262, 27.9.1976, p. 149.⁽⁹⁾ ĠU L 152, 6.6.1986, p. 48.^(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.